# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 18**

**Avviz numru 1367/98/SM**

**Carmelo Muscat**

**vs**

**Nicholsons The Supermarket Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat t-8 ta' Lulju ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lill-attur is-somma ta' disa' mija hamsa u erbghin lira Maltija (LM945) bilanc dovut fuq maerkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta;**

2. **Bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Mejju, 1998 sal-pagament effettiv, bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Novembru ta' l-1998 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur billi s-socjeta' konvenuta mhiex debitrici tal-attur, anzi huwa l-istess attur li ghandu jhallas lis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' LM1042 in konnessjoni ma' pagamenti zejda maghmula mis-socjeta' konvenuta (Dok. A);**

2. **Illi s-socjeta' konvenuta se tibda proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti civili ghar-rifuzjoni tal-ammont zejjed imhallas lill-attur u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tissoprasjedi sakkem tispicca l-kawza fil-Prim Awla tal-Qorti Civili;**

**Semghet ix-xhieda kollha prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:**

1. **illi l-attur jissupplixxi lis-socjeta' konvenuta halib u d-derivati tieghu;**

2. **Illi qabel l-attur jaffettwa l-konsenja l-oggetti kienu jigu ifferifikati mill-impjegati tas-socjeta' konvenuta u wara jigu accettati;**

3. **Illi rrizulta li diversi pagamenti kienu jithallsu mis-socejta' konvenuta permezz ta' 'cheques" li jibbawncjaw;**

4. **Illi l-merkanzija ndikata fl-avviz odjern giet regolarment konsenjata  izda ghadha ma**

thallsitx u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-versjoni tas-socjeta' konvenuta hi differenti u tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi hu minnhu li l-attur kien jissupplixxi lis-socjeta' konvenuta b'halib u prodotti ohra minnhu derivati;**

2. **Illi pero' meta kienu jsiru l-verifiki l-konsenji li kien jaghmel l-attur ma kienux jikkorrispondu ma' l-"invoices" u ghalhekk irrifjutat il-pagament;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi pero' ghandu jinghad li jirrizulta li l-prodott inkriminat kien jigi kkonsenjat mill-attur go kaxxex mghaluqa li l-piz taghhom ma kienx ikun uniformi;**

**Illi ghalhekk din id-diskrepanza setghet tat lok ghal ekwivaci li ghandhom jirrizultaw sorvolati stante li l-konsenji kienu jkunu kkontrollati mill-impjegati tas-socjeta' konvenuta;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u hamsa u erbghin Lira Maltin, (LM945.00,0), bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**